



Żjara fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Eċċ. Tiegħu Demetris Christofias, President tar-Repubblika ta' Ċipru

L-Eċċ. Tiegħu Demetris Christofias, President tar-Repubblika ta' Ċipru, illum żar il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, akkompanjat mill-Eċċ. Tiegħu l-Ambaxxatur Kornelios Korneliou, Rappreżentant Permanenti tar-Repubblika ta' Ċipru għall-Unjoni Ewropea, l-Eċċ. Tiegħu Loucas Louca, Ministru tal-Ġustizzja u tal-Ordni Pubbliku tar-Repubblika ta' Ċipru, Stephanos Stephanou, kelliem tal-Gvern u Andreas Mavroyiannis, Deputat Ministru għall-Affarijiet Ewropej fl-uffiċċju tal-Presidenza tar-Repubblika ta' Ċipru.

L-Eċċ. Tiegħu Demetris Christofias u d-delegazzjoni presidenzjali ntlaggħu minn Vassilios Skouris, President tal-Qorti tal-Ġustizzja, George Arestis, imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja, u Savvas Papasavvas, President ta' Awla tal-Qorti Ġenerali.

Matul iż-żjara, inżammet iċ-ċerimonja tal-preżentazzjoni uffiċjali tal-opri tal-arti mogħtija mill-Mużew arkeoloġiku ta' Nikosija: "God standing on an ingot", "A horned ġod", u "A copper ingot", fil-preżenza ta' mħallfin, uffiċjali u aġenti tal-Qorti tal-Ġustizzja Ċiprijotti.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355